# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rik. Ġur. 441/2018 GM**

**Din l-Art Ħelwa**

**vs**

**Johann Buttigieg bħala Chairman Eżekuttiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar u għan-nom tal-Awtorita` tal-Ippjanar**

**Seduta tal-24 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti:

Rat illi permezz ta’ din il-kawża, Din l-Art Ħelwa qiegħdha titlob, prinċipalment, li din il-Qorti, previa dikjarazzjoni li l-Awtorita` tal-Ippjanar kisret id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 469A(1)(b) (ii)(iii) u (iv) tal-Kap 12, tordna lill-Kunsill Eżekuttiv tal-istess Awtorita` “sabiex japplika l-obbligi legali tiegħu ai termini tal-Kap 512 u l-avviż legali 258 tat-2002 u jieħu deċiżjoni skont il-liġijiet imsemmija”;

Rat ir-rikors tal-4 ta’ Diċembru 2018, li permezz tiegħu, is-soċjeta` konvenuta qiegħdha titlob li jissejjaħ fil-kawża Paul Gauci, li favur tiegħu inħareġ il-permess, li għandu l-interess ġuridiku meħtieġ mhux biss fl-eżitu tal-ġudizzju imma wkoll li joqgħod fil-kawża u jwieġeb għat-talbiet attriċi;

Rat ir-risposta tal-21 ta’ Diċembru 2018 li permezz tagħha l-għaqda attriċi qiegħdha topponi għat-talba fir-rikors imsemmi. Hija spjegat li t-talbiet tagħha huma diretti “sabiex l-Awtorita` tieħu dawk il-proċeduri skont il-liġi sabiex tiddikjara l-permess bħala null u bla effett, treġġa’ l-iżvilupp li sar abbużivament fl-istat li kien oriġinarjament u sabiex l-awtorita` tieħu dawk il-passi li hi obbligata tieħu skont il-Kap 552 u l-avviż legali 552.05.” Li jfisser li jittieħed proċediment kontra l-imsemmi Paul Gauci talli naqas li jobdi ordnijiet ta’ uffiċċjal pubbliku biex jieqaf mix-xogħlijiet li kien qed jagħmel;

Ikkunsidrat:

Illi Din l-Art Ħelwa ssostni li Paul Gauci m’għandux jifforma parti mill-proċeduri għaliex l-istħarriġ ġudizzjarju mhux dwar egħmilu imma dwar l-Awtorita` biex il-Qorti tiddetermina qdietx l-obbligi legali tagħha.

Tissottometti li l-istħarriġ ġudizzjarju jixbaħ il-proċeduri hekk imsejjħin ta' "*challenge*" kontra l-pulizija meta din ma tiħux passi kontra min jikser il-liġi penali. "Ikun legalment insostenibbli li l-allegat delinkwent ikollu leħen fid-determinazzjoni u investigazzjoni jekk għandhomx jittieħdu proċeduri kontrih. Huwa dan li qed titlob l-Awtorita` u għalhekk it-talba għandha tiġi miċħuda";

Illi għas-soluzzjoni ta' dan l-inċident, ikun utli li qabel xejn jiġi stabbilit x'inhu sewwasew l-iskop tal-istitut tal-intervent in ġenerali u dak tal-hekk imsejjaħ intervent koatt in partikolari billi huwa dan tal-aħħar li jinstab dibattut f'din il-kawża. Dan it-tip partikolari ta'ntervent jissejjaħ – b'mod mhux preċiż - "koatt" biex jintgħaraf mill-intervent volontarju, għaliex, b'differenza mill-intervent volontarju, m'huwiex spontanju, iżda jseħħ permezz tal-mekkaniżmu tas-sejħa fil-ġudizzju. La hi koazzjoni fiżika u lanqas legali; hija l-istess sitwazzjoni li tikkaratterizza n-nuqqas ta' spontanjeta` tal-parteċipazzjoni tal-konvenut fi kwalunkwe kawża;

Illi t-teorika tal-intervent tikkonsisti fi sforz biex jiġu identifikati minn fost taħlita kbira ta' terzi dawk li huma leġittimati biex jiddaħħlu f'kawża;

Illi meta tinfetaħ kawża, il-partijiet iġorru fiha sitwazzjoni sostanzjali kkontestata bejniethom u s-sentenza li tingħata ġġib iċ-ċertezza tad-dritt ta' bejniethom. Biex isir hekk, il-posizzjoni soġġettiva tiġi ndividwata u meħuda mill-kuntest tar-relazzjonijiet li fihom tkun imdaħħla. B'danakollu, fuq il-pjan sostanzjali l-pożizzjonijiet ġuridiċi soġġettivi ma jgħixux iżolati, imma f'kuntest ta' konnessjonijiet u inter-relazzjonijiet. Dan ifisser li biex jilħaq l-iskop tiegħu, proċess irid ikun kapaċi jassorbi

s-sistema ta' relazzjonijiet li jkun hemm fuq il-livell sostanzjali. Dan iżda ma jistax isir billi tinġarr fil-proċess l-esperjenza sostanzjali kollha. Il-partijiet għandhom il-privileġġ proċedurali li jagħżlu huma l-limiti tal-kontroversja u għalhekk fil-kawża jiddeduċu ottika partikolari tar-realta` sostantiva. Viżjoni li hija essenzjalment bilaterali. Għalhekk xi drabi tinħass il-ħtieġa li l-kapaċita` riċettiva tal-proċess titwessa' lil hinn mill-manifestazzjoni bilaterali tipika biex tirrappreżenta aħjar ir-rabtiet partikolari li jkun hemm fuq il-livell sostanzjali bejn id-diversi sitwazzjonijiet ġuridiċi suġġettivi li jkunu ġew żarmati u individwati;

Illi minħabba dawn il-limitazzjonijet tfasslu mekkanizmi biex il-proċess jitqarreb lejn il-komplessita` sostanzjali. Waqt il-proċess, apparti li l-partijiet oriġinali nfushom jistgħu iqanqlu domandi nċidentali jew rikonvenzjonali, l-għadd ta' partijiet jista' jitkabbar permezz tal-intervent volontarju, is-sejħa fil-kawża, inkella bl-appell tat-terz. B'hekk il-ġudikat jolqot sitwazzjoni sostanzjali iktar komplessiva; jista' jkun ukoll li l-oġġett tal-proċess jitwessa' permezz tad-deduzzjoni ta' rapport ġdid. Tinħoloq iktar ċertezza fl-attivita` ġurisdizzjonali billi l-kawża tiżvolġi fl-ambitu ta' kontradittorju iktar vast;

Illi l-forom differenti ta' ntervent huma għodda tal-ordinament biex jorbtu l-esperjenza sostanzjali ma' dik proċesswali fejn ikun hemm xi tip ta' konnessjoni. L-għan tagħhom hu li jkun hemm sentenza li permezz ta' kapaċita` soġġettiva iktar wiesa tissodisfa b'mod eżawrjenti r-relazzjoni bejn dritt sostanzjali u proċess, permezz tas-superament tal-istruttura elementari ta' proċediment bejn żewġ partijiet;

Illi għalhekk l-oġġett tal-kwistjoni, u d-drittijiet li tagħhom jintalab l-għarfien fil-ġudizzju, jista' jkollhom x'jaqsmu ma' persuni li ma jkunux

parti fil-kawża. Il-leġislatur ma jistax jinjora lil dawn il-persuni, terzi fis-sens li jkunu estranji għall-proċess, iżda mhux terzi għar-rapport sostantiv li jkun ta lok għall-kwistjoni. Hawnhekk, il-leġislatur huwa ffaċċjat minn żewġ prinċipji: min-naħa l-waħda, li sentenza għandha effett fuq min ikun parti fil-kawża biss; min-naħa l-oħra, ħafna kawżi fuq l-istess oġġett jagħmlu ħsara lis-soċjeta` minħabba l-inċertezza li joħolqu fid-dritt. Kieku l-leġislatur kellu jestendi l-effetti tal-ġudizzju għal dawk li, għalkemm ma jkunux parti fil-proċess, ikollhom x'jaqsmu mal-oġġett jew dritt litiġjuż, ikun qiegħed jikkundanna lil min ma jkunx seta' jiddefendi ruħu. Jekk min-naħa l-oħra kellu jmur fl-estrem l-ieħor, li jobbliga lil kull min ikun interessat fi kwistjoni li jiftaħ kawża oħra, il-leġislatur ikollu jiffaċċja l-moltiplikazzjoni tal-kawżi u l-inċertezza tad-drittijiet. Għalhekk l-aħjar hu li tinsab it-triq tan-nofs li tevita ż-żewġ estremi u tagħmel il-ġudizzju komuni għat-terzi billi testendilhom l-effetti tiegħu; dan isir permezz tal-mekkaniżmu tal-intervent fis-sens wiesa tiegħu;

**Illi l-istitut tal-intervent huwa rregolat b'mod skjett f'dawn it-tlett Artikli tal-Kap 12:**

"**960.** Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal *in statu et terminis*, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha.

"**961.** Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba.

“**962.** It-terza persuna msejħa fil-kawża għandha tiġi nnotifikata bir-rikors, ġuramentat jew le, u, għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor; u bħala tali għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b’kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut; u tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha”;

Illi dawn l-artikli tal-liġi, tneħħi xi bdil kosmetiku, baqgħu sostanzjalment l-istess sa mill-promulgazzjoni tal-kodiċi ritwali tagħna fil-1955. It-test tal-Ordinanza IV.1984 jirriproduċi kelma b’kelma l-abbozz [1] tal-Kummissjonarji *conditores* fir-rapport tagħhom tal-25 ta’ Diċembru 1849, biż-żieda tal-kliem fl-aħħar tal-artiklu 720, “*e potra`, secondo le circostanze, essere liberato o condannato, come se fosse stato sin dal principio contro di lui proposta la causa”.* Dawn in-normi ġew abbozzati, u ġew fis-seħħ, qabel ma ra d-dawl l-ewwel kodiċi ta’ proċedura Taljan, ippromulgat fl-1865. Għalkemm fihom ċertu xebħ, għandhom diċitura xi ftit differenti minn disposizzjonijiet li kienu jirregolaw l-istess materja fil-kodiċijiet viġenti dak iż-żmien, u naturalment differenti mid-disposizzjonijiet relevanti fil-kodiċi Taljan tal-1865 anke jekk il-ġurisprudenza tagħna, infettata bil-kultura Taljana, qarrbithom sewwa lejn xulxin:

(i) Il-kodiċi tal-proċedura Franċiż tal-1807 ma jsemmi xejn dwar l-intervent koattiv.

(ii) Il-*Codice Per Lo Regno delle Due Sicilie* (tas-26 ta’ Marzu 1819) kien jagħti b’mod ristrett ħafna, d-dritt li jsejjaħ fil-kawża, fl-Art. 269

[1] Artikli 718, 719 u 720 - fl-Ordinanza ri-enumerati 977, 978 u 979 - illum bħala Kap 12 - 960, 961 u 962

tiegħu, lil "*colui che pretendera` di avere il* ***diritto di chiamare in giudizio un terzo a sua difesa".*** Interessanti kif dan il-kodiċi kien jorbot l-intervent koatt mad-difiża ta' xi waħda mill-partijiet.

(iii) Il-*Codice di Processura Civile Per Gli Stati Di Parma, Piacenza u Guastalla* (tas-06.06.1820):

"419 *Quando sia introdotto un giudizio, in cui vengono compromessi i diritti di un terzo, puo` il medesimo fare istanza al tribunale per essere ammesso a intervenire.*

"422. *Nella discussione della causa* ***conoscendosi che questa sia ad altri commune, possono coloro che sono in causa fare istanza al tribunale, affinche` ordini il loro intervento***".

(iv) il-kodiċi ritwali Taljan tal-1865 kien jesiġi espressament li min jitlob is-sejħa ta' terz fil-kawża seta' jagħmel dan "*a cui creda* ***comune la controversia***" (Art. 202 u 423).

(v) Il-kodiċi tal-proċedura Taljan tal-1940:

**106. Intervento sui stanza di parte.** Ciasuna parte puo` chiamare nel processo un terzo **al quale ritiene comune la causa**…

**(vi)** Il-*Code de Procedure Civile* Franċiż, ippromulgat fil-1975, jagħmel distinzjoni bejn kjamat li jista' jiġi meħlus jew ikkundannat u kjamat li l-ġudizzju jista' jiġi res komun miegħu:

**"Art. 331 –** ***Un tiers peut etre mis en cause aux fins de condemnation par toute partie qui est en droit d'agir contre lui a` titre principal.***

***"Il peut egalement etre mis en cause par la partie qui y a interet afin de lui render commun le jugement"***;

Illi mal-ewwel daqqa t'għajn, id-disposizzjonijet tal-kodiċi ritwali Malti, jidher li filwaqt li fil-każ ta' ntervent volontarju minn terz kull m'hemm bżonn hu li juri li għandu interess fil-kawża, dan mhux biżżejjed fil-każ ta' sejħa fil-kawża. "Mill-konfront tal-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi tirriżulta ċara d-differenza bejn iż-żewġ interventi. Il-posizzjoni tal-kjamat fil-kawża hija dik ta' **veru u proprju konvenut**, filwaqt li dik tal-intervenut volontarjament hija ta' **sempliċi nteressat**"[2]. Dan jaqbel sewwa mat-tagħlim tal-Mortara: **"Il terzo, adunque, nell'intervento coatto e` sempre un convenuto"[3]. Dan ifisser li l-interess tal-imsejjaħ fil-kawża ma jridx ikun ibbażat fuq rapport ġuridiku estraneju għall-kontroversja bejn l-attur u l-konvenut;**

Illi fil-każ tal-intervent volontarju (Art. 960 Kap 12) id-dħul fil-kawża huwa miftuh għal kull min għandu interess, filwaqt li fil-każ ta' intervent koatt, skont l-Art. 962 Kap 12, "għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor". Kodiċijiet oħrajn ma jsemmux li l-imsejjaħ fil-kawża jitqies bħala konvenut, imma jesiġu li l-kontroversja tkun komuni għalih. Li wieħed jitqies konvenut iżda tippresupponi l-komunanza tal-kawża, kif imsemmi f'għadd ta' kodiċijiet kontinentali. Il-komunjoni tal-kontroversja tippresupponi xi ħaġa iktar minn sempliċi nteress fil-kawża, għaliex jista' jkun hemm interess mingħajr ma din tista' titqies komuni.

[2] Paolo Mifsud v Lorenzo Said 22.06.1959 Qorti tal-Appell XLIII.i.535
[3] Lodovico Mortara, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile 3a ediz, Vol. III. Paġna 532

Għalhekk, l-intervent koatt għandu sfera ferm iktar ristretta minn dik tal-intervent volontarju, għaliex, filwaqt għal dan tal-aħħar huwa biżżejjed kwalunkwe interess, għal tal-ewwel jinħtieġ interess partikolari, li huwa appuntu fil-komunjoni tal-kawża.[4] Fil-każ tal-intervent koatt, il-liġi ma ssemmix il-ħtieġa ta' interess, għalkemm huwa prinċipju ġenerali tad-dritt proċedurali li kull min ikun parti f'kawża jrid ikollu interess;

Illi l-kliem testwali tal-liġi "għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor" u "għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut; u tista', skont iċ-ċirkostanzi, tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha" jistgħu jinftiehmu fis-sens li s-sejħa fil-kawża hija miftuħa **biss** għal dawk li jistgħu jiġu liberati jew ikkundannati mit-talbiet tal-attur. B'danakollu l-liġi ma tgħidx espressament li dan hu l-każ. Sa minn żmien bikri wara l-promulgazzjoni tal-kodiċi ritwali tagħna fil-1855, il-Qrati bdew jinterpretaw din id-disposizzjoni f'sens iktar wiesa. Skont il-każ klassiku ***Stepton v Spiteri***,[5] ippronunzjat mija u għoxrin sena ilu: "*tuttavia da cio` non segue che con quella espressione siasi voluto limitare la chiamata di alcune persone soltanto, cioe` di quei terzi soltanto che possono essere liberati o condannati... giacche` la facolta` che si concede alla corte di liberare o condannare il terzo chiamato, come se fosse stato da principio convenuto, non esclude che egli possa essere chiamato per trarre altri vantaggi ivi contemplati.*" Bla dubbju dawn huma "l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut" li ssemmi l-

[4] Cass. Torino, 20.06.1883, Racc. XXXV,I,1, 705
[5] Stepton v Spiteri 23.11.1898 Koll. Vol. XVI.i.117, per Imħallef Luigi Ganado. Konformi: Debono v Tonna 18.03.1914 XXII.ii.216 Prim'awla per Imħallef Stefano Micallef

liġi. Tkompli tgħid is-sentenza: *"Anzi dal contesto dell'intera disposizione della legge sorge chiaro il concetto che vi e` compreso anche quel terzo che, sostenendo le ragioni sia dell'attore sia del convenuto, ed alle volte pure i propri diritti, in confronto si` dell'uno che dell'altro, provoca una decisione entro i limiti dell'azione intentata, la quale stabilisce certi fatti e certi diritti, sieno favorevoli, sieno contrari a lui stesso, senza essere liberato o condannato"*;

Illi **Mattirolo** jispjega l-istitut tas-sejħa fil-kawża kif ġej:

"**852**: *L'intervento coatto e' promosso da quella delle parti, che ha comune la controversia col terzo, e che percio` e` direttamente interessata a che questo terzo intervenga*[6]*: e, in ogni caso, giovi il ripetere che cotale intervento ha per fondamento e condizione essenziale la comunanza della controversia col terzo - siffatta comunanza puo derivare - o* ex re petita *- o* ex causa petendi *- ossia consistere - nell'identita` della cosa domandata - o in quella del titolo dedotto nel giudizio* (enfasi miżjuda mill-Qorti) [7] - ***Che se invece la questione, che si vorrebbe sollevare contro il terzo, fosse di natura diversa (per differenza di oggetto e di titolo) da quella, che costituisce l'argomento della causa principale, non potrebbe il terzo essere costretto ad intervenire da alcuna delle parti, malgrado il vero o preteso interesse, che la parte istante potesse avere in tale intervento"***[8];

Illi kemm fid-dottrina kif ukoll fil-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, hu paċifikament riċevut li "*Il concetto di* ***comunanza*** *implica l'esistenza di*

---

[6] V. confor. Sentenze – Cassazione Firenze, 12 Novembre 1885 (La Legge, 1886, 1, p. 42) – Cassazione Torino, 31 Gennaio 1893, citata (Gurisprudenza, 1893, p. 296). V. ultra, n. 854, lettera a.

[7] V. confor sentenze – Cassazione Firenze, 5 Gennaio 1875 (Annali, 1875, 1 , Col. 45) – Cassazione Torino, 13 Dicembre 1882, motive (Giurisprudenza), 1883, pp.57/59)

[8] V. confor sentenze – Cassazione Torino, 13 Dicembre 1882, e 20 Giugno 1883 (Giurisprudenza, 1883, pp. 57 e 897).

*un rapporto di connessione **oggettiva** per petitum o per causa petendi, oppure per entrambi, fra il rapporto sostanziale gia` dedotto in giudizio e quello che fa capo al terzo*[9]. **Calamandrei,** *Ist.* 43, II, 217 imur lil hinn minn hekk għaliex isostni li hu meħtieġ l-identita` taż-żewġ elementi flimkien. Din iżda mhix il-fehma tad-dottrina u l-ġurisprudenza maġġoritarja; għax biex ikun hemm kemm il-petitum kif ukoll il-causa identiċi, ikun każ ta' litiskonsorzju neċessarju biss; fi kliem ieħor jissejjaħ it-terz biss meta ma jkunx hemm integrita` tal-ġudizzju;

Illi skont **Mandrioli,** ċerta ġurisprudenza Taljana tipprova twessa' il-każijiet ta' komunanza "*anche in presenza di un vincolo di **connessione impropria**[10] fra la domanda originaria e quella proposta in via di chiamata. Consolo huwa kritiku ħafna ta' din it-tendenza, u wkoll Mandrioli[11] li jikkontesta l-kwalifikazzjoni ta' "connessione impropria*"[12] Hi x'inhi l-pożizzjoni t-tajba fil-liġi Taljana, ma jidhirx li din it-tip ta' konnessjoni tista' tiġi applikata għall-imsejjaħ koatt taħt il-liġi tagħna billi, kif ġja` ngħad, l-imsejjaħ tabilfors irid jitqies bħala **konvenut** u allura jinħtieġ ikollu l-leġittimazzjoni passiva bħal kwalunkwe konvenut u xejn inqas u ċjoe` interess dirett;

Illi ***Libreri v Staines***[13] ukoll teżamina n-natura ta' dan l-interess:

"Illi dana l-interess huwa dak stess li huwa rikjest biex tista' tigi proposta azzjoni jew tista' tigi opposta kontestazzjoni. Il-**Mortara**, difatti, wara li jiddefinixxi l-interess, li hu sejjaħ "*interesse giuridico*", bħala "*l-utilita`*

---

[9] C87/143, 79/2489, 07/8824, 75/1738; Mandrioli, I, 436; Liebman I, 106; Andrioli, 619; Proto Pisani, *Comm. Allorio*, I, 1173

[10] bħala eżempju ara C80/1226, *G.it. 81,I,1,1689*

[11] Mandrioli, I,436

[12] Cian & Trabucchi, Commentario Breve al Codice di Procedura Civile, 7 ed., 2012, pagna 413, Artiklu 106 Kod. Civ. Taljan

[13] **Maria Concetta Libreri v. Edgar Staines ne**., Imhallef Dr. W. Harding, Qorti Civili Prim' Awla, 29 ta' Ottubru 1935, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. XXIX, Part II, 1934-1937. Pg. 706.

*finale della domanda giudiziale*' (mill-punto di vista ta' l-attur) u l-*utilita` finale della opposizione contro quella domanda"* (mill-punto di vista tal-konvenut), spjega illi l-principji fuq l-interess tal-proposizzjoni jew kontestazzjoni tal-kawżi, ġew dejjem applikati mill-ġurisprudenza għall-kwistjonijiet fuq l-intervent (nota 1, Vol. 11, pag. 593, Comm. Cod. Proc. Civ.). "*Ora appunto per l'intervento volontario e` 'solo richiesto un interesse dell'interveniente in giudizio gia` istituito* [14]*, mentre il solo interesse dell'interveniente non basta in dottrina e per la giurisprudenza a giustificare l'intervento coatto"*[15]. L-element l-ieħor meħtieġ huwa li "***il terzo abbia comune la controversia con una delle parti litiganti***"[16]. "*La normale intervenzione coatta, alla quale da` ragione l'interesse dell'interveniente comune a quello di uno dei collitiganti... vale consorzio nella lite, comunione di diritti o di doveri, comunanza di difesa ed identita` di scopo…*"[17]

Illi Mandrioli kiteb li "*Quanto alle ragioni che fondano la legittimazione a chiamare il terzo, essi si riconducono ancora una volta alla* ***connessione oggettiva****... e' chiaro che la ragione per la quale una causa puo` essere comune ad un terzo, pur nella genericita` di questa espressione, deve essere, in linea di massima, ricondotta alla connessione oggettiva".* Iżid jelabora li "*Naturalmente la comunanza di causa sussisterebbe a fortiori anche nel caso di identita` di causa, ma in tal caso sussisterebbe la necessarieta` del litisconsorzio. Il riferimento alla connessione implica l'adesione di massima all'opinione secondo la quale* ***basta l'identita` del petitum oppure della causa petendi*** *(cosi` E.T. Liebman, Manuale, I, cit. p 100 e cosi` la prevalente giurisprudenza v.*

---

[14] articolo 977 Cod. Proc. Civ; Mattirolo op cit page 662 Vol 3 No 810
[15] Maria Pace Axiak v Roberto Lapira 30.11.1922, Prim'Awla, per imħallef Giuseppe Cremona Vol XXV.ii.208
[16] Luigi Mattirolo, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Vol 3, 1933 para 850
[17] Salvatore Debono v Giovanni Tonna 18.03.1914 XXII.ii.216

*Cass. 12 aprile 1965 n.660 in Giust. Civ. 1965, I, 2090) e non necessariamente di entrambi questi elementi (cosi` invece Calamandrei, Istituzioni, II, cit. p 217; Cass 23 maggio 1962 n. 1176)*[18];

Illi għalhekk ikun hemm il-komunanza meta t-terz ikun titolari ta' dritt konness permezz tal-oġġett **jew** titlu ta' dritt oġġett tal-ġudizzju. Fost l-oħrajn, ikun hemm komunanza meta l-oġġett tal-ġudizzju jkun ir-rapport preġudizzjali u jiġi ntervenut ir-rapport dipendenti. Ma hemmx għalfejn ikun hemm ukoll identita` tal-*causa petendi*;

Illi b'mod konformi ma' dan il-kunċett ta' komunanza ta' dritt, il-ġurisprudenza tagħna stabbiliet li l-interess li jillegittima l-kjamata in kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, intiz dan l-interess mhux necessarjament fis-sens li l-kjamat in kawza jkun kundannat jew liberat, imma anki fis-sens li hu jkun jista' jsostni r-ragunijiet ta' l-attur jew tal-konvenut, jew tieghu stess differenti mit-tnejn, jew ghall-wiehed jew l-iehor, u jipprovoka decizjoni, fil-limiti ta' l-azzjoni, li tistabilixxi certi fatti u drittijiet favorevoli jew kuntrarji ghalih, bla ma jigi liberat jew kundannat[19];

Illi filwaqt li hu minnu li l-kawżali li fuqhom hi bbażata t-talba, ċjoe` li l-Awtorita` aġixxiet ultra vires jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, jirrigwardaw biss lill-konvenuta u mhux lilu, mhux l-istess jista' jingħad għall-effetti potenzjali tat-talbiet, li jistgħu iwasslu mhux biss għad-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-permess imma wkoll ta' passi ta' natura għaliex fl-aħħar mill-aħħar it-tħassir tal-permess jeffettwaħ direttament u

[18] Crisanto Mandrioli, Diritto Processuale Civile, 21 ed. Vol I, p. 436
[19] Vincent Agius v Mario Borg Prim'Awla 28.03.2003

jolqtu fil-laħam il-ħaj. Applikati l-prinċipji legali suesposti għal dann il-każ, m'hemmx dubbju li Paul Gauci, li favur tiegħu inħareġ il-permess għandu l-interess ġuridiku meħtieġ biex jiġi msejjaħ f'din il-kawża, li fiha talbiet li jistgħu iwasslu mhux biss għad-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-permess imma wkoll ta' passi ta' natura;

Illi f'din il-konklużjoni tagħha, il-Qorti għandha l-konfort ta' tlett provvedimenti tal-Qorti fi proċedimenti taħt l-Art. 469A Kap 12 kontra l-Awtorita` intimata – iċċitati mill-istess Awtorita` fir-rikors tagħha suċċitat - li għandhom xebħ ma' dan il-każ:

(1) F'kawża talli l-Awtorita` naqset li tieħu passi t'infurzar f'ħanut ġewwa Paceville, il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża ta' sid il-ħanut.[20]

(2) F'kawża li fiha l-Qorti ntalbet tistħarreġ l-egħmil tal-Awtorita` fl-ipproċessar ta' talba għall-ħruġ tal-permess favur Raymond u Patricia Farrugia u tordna lill-Awtorita` teżegwixxi enforcement notice maħruġa minnha stess.[21]

Għal dawn il-motivi, din il-Qortii qiegħdha tilqa' t-talba fir-rikors tal-4 ta' Diċembru 2018 billi tordna li Paul Gauci jiġi msejjaħ fil-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

---

[20] digriet tal-08.03.2001 - Paul Zammit v Chairman Awtorita` tal-Ippjanar deċiża 08.10.2004 Prim'Awla, per Onor. Imħallef Noel Cuschieri

[21] digriet 20.03.2003 - Tony De Gaetano v Awtorita` tal-Ippjanar 26.02.2004 JRM

Onor Imħallef

Grazio Mercieca